

# Il-bidu tal-Opera Lirika f'Malta

*Minn Alfred G. Miceli*

Qabel xejn, x'inhi sewwa l-opera lirika? Dan huwa divertiment mużikali li nħoloq għall-aħħar tas-seklu sittax fl-Italja. Jikkonsisti filli xi awtur jikteb storja, aktarx li tkun ibbażata fuq dramm jew rumanz illi jkun kiseb suċċess, b'forma ta' poeżija, b'versi għal għadd ta' persunaġġi, kif ukoll għall-massa ta' nies, li fl-opera nsejħulhom 'kor'.

Din il-forma ta' dramm jew kummiedja bil-versi nsejħulha librett, li jingħata lil xi mużiċista biex jikkomponi l-mużika għalih, sew għall-versi kif ukoll biex jakkumpanja l-azzjonijiet tal-istorja li jkollna fil-librett.

Għalkemm l-ewwel teatru pubbliku f'Malta nbena fl-1731, l-istorja tal-opra lirika f'dan il-pajjiż teħodna aktar lura. Sewwa sew, Malta hija s-sitt pajjiż li wiret din il-forma artistika mill-Italja. Il-ħames pajjiżi li raw dan id-divertiment qabel Malta kienu l-Italja, il-Polonja, l-Awstrija, iċ-Ċekslovakkja u l-Ġermanja.

Bħala belt, il-belt Valletta hija t-tnax –il waħda li fiha saret rappreżentazzjoni ta' opra lirika fiha, saħansitra qabel xi bliet kbar minn tal-Italja stess. Il-ħdax l-oħra ta' qabel il-Belt Valletta huma Firenze, Ruma, Mantova, Venezia, Bologna, Wisnicz, Viterbo, Parma, Salzburg, Praga u Torgov.

Mitt sena qabel ma nbena l-ewwel teatru pubbliku f'Malta, jiġifieri fl-1631, intweriet għall-ewwel darba opra lirika fuq il-palk ta' din il-gzira. X'kienet l-opra jew ta' liema librettista u kompożitur hi, ma nafux. Nafu biss li f'dik is-sena, il-Kavallieri Taljani, ġabu mill-Italja xi artisti, kantanti u mużiċisti biex fis-sala tal-Berġa tagħhom, li kienet fi Strada San Ġiacomo, li llum jisimha Triq Merkanti l-belt Valletta, jippreżentaw xi *'drama per musica'* li ma humiex għajr opra lirika kif nafuha llum. Din l-okkażjoni saret bħala divertiment għal dawk il-Kavallieri Taljani fl-okkażjoni tal-festi tal-istaġun tal-Karnival.

L-istaġun hekk imsejjaħ 'Tal-Karnival' kien jibda minn jumejn wara l-Milied u jibqa' sejjer sa jumejn qabel il-Karnival. Aktarx li f'dan l-istaġun kienet tintwera opra waħda biss jew forsi tnejn bi tliet rappreżentazzjonijiet fil-ġimgħa, u tkun ħaġa rari ħafna li fl-istess post terġa' ssir l-istess opra f'xi staġun ieħor.

Għar-rapreżentazzjonijiet ta' dawn id-*'drama per musica'*, li l-Kavallieri Taljani kienu jorganizzaw fil-Berġa tagħhom ġieli ġew mistiedna xi Maltin. Dan id-divertiment għal Malta ntgħoġob ħafna, u minn manuskritti ta' dawk iż-żminijiet dwar il-Kavallieri f'Malta nafu li ta' kull sena għall-istaġun tal-karnival kienu jsiru rappreżentazzjonijiet ta' dawn id-*'drammi per musica'* u li l-ispejjeż tagħhom kienu jinħarġu mill-Kavallieri stess.

F'dawk iż-żminijiet f'Malta ma kinux joħorġu gazzetti li jagħtu r-rapporti tagħhom u b'hekk iservu ta' rekord għaż-żminijiet ta' wara. Għal daqstant ebda storiku ma rnexxielu jsib x'opri kienu jsiru fil-Berġa tal-Kavallieri Taljani.

Ulderico Rolandi, fil-ktieb tiegħu 'MUSICA E MUSICISTI IN MALTA'

jagħtina t-tagħrif li fl-1664 kien stampat fil-gżira tagħna, il-librett tal-opra 'ANNIBALE IN CAPUA', mużika ta' Pietro Antonio Ziani (1630 – 1684) fuq librett ta' Nicolo' Bergani (1627 – 1713) u li kienet intweriet għall-ewwel darba fl-istaġun tal-karnival tal-1661 fit-teatru Grimani ta' Veneżia. Dan il-librett tal-opra 'ANNIBALE IN CAPUA' li ġie stampat f'Malta, wieħed jista' jsibu fil-Biblijoteka Nazzjonali fil-belt Valletta.

Dan juri biċ-ċar, għalkemm ma hemmx stampat fuq il-librett, li din l-opra saret f'Malta, u mhux x'imkien ieħor, li l-opra 'ANNIBALE IN CAPUA' kienet ippreżentata f'Malta, aktarx f'dik is-sena jew is-sena ta' wara.

Ta' min jinnota li l-opra 'ANNIBALE IN CAPUA' ta' Ziani, li hi '*Dramma Lirica*' fi prologu u tliet atti, barra minn Venezja u Malta, l-uniku post li ntweriet kien fit-Teatru San Bartolomeo ta' Napli fl-1671.






NEW STYLE Unisex Hair Dressing Salon

Raymond & Antoinette Vella

Specializing in Modern Styling at Moderate Prices
23, Victory Square, Naxxar - Tel: 21 412604